**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 46/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Jonathan Bonello**
**(ID 463079(M))**

**Illum: 27 ta' Jannar 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Jonathan Bonello** ta' 34 sena, iben Anthony u Marthese nee` Mallia, imwieled il-Pieta`, nhar is-26 ta' Settembru 1979, residenti Remington, Triq Dun Mikiel Xerri, Attard, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 463079(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar is-27 ta' Lulju 2014:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar

il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2016, l-imputat wieġeb illi mhux ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi in atti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Herman Mula) vs Jonathan Bonello' tas-27 ta' Novembru 2020 (App. Nru. 458/2014), komunikata lilha b'ordni tal-istess Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Nikolai Sant** esebixxa dikjarazzjoni ffirmata mill-imputat li rrifjuta li jeżerċita l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu nhar is-27 ta' Lulju 2014[1] u l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat fl-istess data.[2] L-istess Spettur Sant jixhed illi fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Lulju 2014, il-pulizija kienu qegħdin jagħmlu xi tfittxijiet waqt *party* ġewwa l-MFCC, fejn PC 760 u PC 571 innotaw persuna suspettuża ossia lill-imputat odjern, ġewwa *toilet cubicle* tal-irġiel u waqqfuh. It-tfitxija fuq il-persuna tal-imputat tat eżitu negattiv. Madanakollu fuq il-*flushing* tat-*toilet* l-imsemmija pulizija nnotaw *sachet* vojta, li fiha kien hemm ftit traċċi, kif ukoll BOV *Cashlink card* li fuqha wkoll kellha xi traċċi ta' sustanza suspettata droga kokaina. L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija lill-pulizija. Ix-xhud esebixxa Dok. NS 2, konsistenti fl-oġġetti elevati waqt l-imsemmija tfittxija.[3]

2. Fl-**istqarrija** rilaxxjata minnu nhar is-27 ta' Lulju 2014, wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali

[1] Ara din id-dikjarazzjoni a fol. 12 tal-proċess.
[2] Ara din l-istqarrija a fol. 10 u 11 tal-proċess. Ara x-xhieda tal-Ispettur Nikolai Sant a fol. 8 u 9 tal-proċess.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 26 sa 28 tal-proċess.

qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx, mistoqsi x'kellu xi jgħid dwar il-borża bi traċċi bojod ta' sustanza suspettata droga li nstabet fuq il-*flushing* tat-*toilet* ġewwa l-MFCC, huwa jwieġeb li ma jafx biha u mistoqsi x'kellu xi jgħid dwar il-*card* tal-bank tiegħu li fuqha nstabu traċċi bojod, huwa jwieġeb "*Xejn*". Jinnega li huwa uża l-*card* biex biha jieħu d-droga kokaina u mistoqsi jekk qatt ħax droga, jgħid illi kien ilu bil-għaqal sewwa. L-imputat jiċħad li dakinhar huwa ħa l-kokaina.

3. **PC 760 Christopher Saliba** jixhed illi fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Lulju 2014, huwa kien xogħol waqt *party* ġewwa l-MFCC, meta għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (1:30am), flimkien ma' PC 1026, għamlu tfittxija ġewwa t-*toilets*. Jgħid illi kienu nnotaw raġel dieħel fi *cubicle* u meta raw illi dam ftit tal-ħin iżjed mis-soltu, huma daħlu fuqu. Fil-waqt illi t-tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat irriżultat fin-negattiv, fuq il-*flushing* tat-*toilet* instabet *sachet* bi traċċi ta' trab abjad, kif ukoll BOV *cashlink card* b'xi traċċi fuqha. Il-*cashlink card* kienet tgħajjat lil Jonathan Bonello ossia lill-imputat odjern. Ix-xhud jippreċiża illi anke l-imsemmija *card* instabet fuq il-*flushing* tat-*toilet.* L-imputat ġie arrestat u ttieħed ġewwa l-*lock up.*[4]

4. Mir-relazzjoni esebita mill-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur minn din il-Qorti sabiex janalizza Dok. NS 2, esebit mill-Ispettur Nikolai Sant, għall-presenza tad-droga[5], jirriżulta illi huwa ngħata dokument wieħed (1) għall-analiżi tiegħu, konsistenti dan f'*envelope* kannella mmarkat S/B/123/2017 li fih kien hemm *evidence bag* bin-numru S00166473 li fih kien hemm:

   i) Karta bil-kliem Data: 27/07/14 Ħin: 01:15hrs Elevat/i minn fuq il-*flushing* tat-*toilet* ġewwa MFCC fil-preżenza ta' Jonathan Bonello 463079M minn PC 760, PC571;

   ii) Qartas tal-plastik b'xi traċċi ta' trab abjad;

   iii) *Cashlink* tal-BOV bl-isem ta' Jonathan Bonello.

   Dwar dan id-dokument, l-espert ikkonkluda illi fuq *swabs* meħuda minn fuq il-*cashlink* u mill-qartas tal-plastik instabet is-sustanza Kokaina (konsistenti fi traċċi[6]). Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[7]

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 14 sa 16 tal-proċess.
[5] Ara l-verbal a fol. 25 tal-proċess.
[6] Ara paġna 3 tar-relazzjoni tal-istess espert.
[7] Ara din ir-relazzjoni esebita bħala 'Dok. GS' a fol. 34 sa 42 tal-proċess.

> Fix-xhieda tiegħu, l-istess espert jikkjarifika illi f'dan il-każ, il-qartas u l-*cashlink card* kienu separati u għalhekk ma kienx hemm kontaminazzjoni bejniethom.[8]

Da parti tiegħu, **l-imputat Jonathan Bonello** għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda. Huwa jgħid illi dakinhar kien qiegħed f'*party* ġewwa l-MFCC u daħal it-*toilet* sabiex jaqdi l-bżonnijiet tiegħu, iżda l-bieb tal-*cubicle* ma kienx jissakar. X'ħin kien ħiereġ, daħlu l-pulizija u sabu xi borża. Ma jiftakarx jekk il-borża nstabitx fl-art jew fuq il-*flushing*. Staqsewh il-borża x'kienet u huwa wieġeb li dik ma kinitx tiegħu. Jgħid illi ġie mistoqsi x'kellu fil-but. Fil-but kellu flus u *cashlink*. Issuġġerewlu li l-*cashlink* kien użaha flimkien mad-droga. Skont hu, bil-*cashlink* ma tistax tieħu droga, għaliex biex tiġbed id-droga trid xi ħaġa oħra bħal flus. Minkejja dan, jgħid l-imputat, huma xorta talbuh l-*cashlink card*. L-imputat jgħid illi huwa kien ta l-verżjoni tiegħu ossia li kien daħal biss sabiex jagħmel jaqdi l-bżonnijiet tiegħu. Jgħid illi talab li jsirlu test tal-urina sabiex jiġi verifikat jekk kienx minnu li kien ikkonsma d-droga. L-imputat spjega illi l-pulizija elevaw kemm il-borża li sabu fuq il-*flushing* kif ukoll il-*credit card* u poġġew dawn it-tnejn flimkien. Tant ħadha bi kbira skont hu, li dak il-ħin irritalja u lill-pulizija li kien qiegħed jiġbor l-affarijiet tajjarlu kollox minn idu. Innega li d-droga li nstabet kienet tiegħu jew li dakinhar ikkonsma d-droga kokaina. Spjega illi għalkemm baqa' jinsisti li jittieħed kampjun tal-urina, dan baqa' ma sarx u li l-pulizija wieġbuh li dan ma setax isir.[9]

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti tinsab rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet, ossia dik mogħtija minn PC 760 Christopher Saliba, u dik mogħtija mill-imputat meta xehed f'dawn il-proċeduri. Mix-xhieda ta' PC 760 Christopher Saliba jirriżulta illi s-suspett tagħhom fl-imputat tqanqal meta l-pulizija preżenti ġewwa t-*toilets* tal-irġiel innotaw illi l-imputat dam ġewwa t-toilet *cubicle* iżjed milli wieħed jistenna u fuq dan is-suspett, fi kliem PC 760 Christopher Saliba "*dħalna fuqu*". Skont l-istess PC 760, għalkemm it-tfittxija fuq il-persuna tal-imputat irriżultat fin-negattiv, "*fuq it-toilet, fuq il-flushing, kien hemm sachet bi tracci ta' trab abjad, kif ukoll BOV Cashlink card b'xi tracci fuqh*a", liema *card* ukoll instabet fuq il-*flushing* tat-*toilet*. Il-konnessjoni bejn l-oġġetti hekk misjuba u l-imputat kienet mhux biss il-fatt li l-oġġetti nstabu fil-*cubicle* li fiha kien hemm l-istess imputat, iżda illi l-*credit card* li fuqha wkoll instabu traċċi ta' sustanza bajda, kienet tgħajjat proprju lilu.

---

8 Ara din ix-xhieda a fol. 32 u 33 tal-proċess.

9 Ara din ix-xhieda a fol. 45 sa 50 tal-proċess.

L-imputat jittenta jiskredita x-xhieda ta' PS 760 Christopher Saliba billi jgħid illi l-*credit card* elevata ma nstabitx fuq il-*flushing* tat-*toilet*, iżda fil-but tiegħu u li ma nstabux fuqu flus li bihom seta' jiġbed id-droga. Jiċħad li l-borża kienet tiegħu u jallega li t-tiċpis fuq il-*credit card* ġie mill-fatt illi l-pulizija poġġew il-qartas bit-traċċi tad-droga flimkien mal-*card* tal-bank tiegħu, u għalhekk skont hu, "*Il-coke s'intendi ha tigi mal-cashlink.*"[10]

Il-Qorti tqis illi l-verżjoni li ta l-imputat la hija kredibbli u wisq inqas verosimili. Dan qed jingħad fl-ewwel lok għaliex mix-xhieda ta' PC 760 jirriżulta inekwivokabbilment mhux biss illi l-*credit card,* bħal qartas, instabet fuq il-*flushing* tat-*toilet* u mhux fil-but tal-imputat, iżda in oltre fuq il-*credit card* dehru traċċi ta' sustanza bajda. Kien proprju minħabba t-traċċi li kienu jidhru fuq il-*credit card,* misjuba ħdejn qartas bi traċċi ta' sustanza bajda, illi l-istess *card* ġiet elevata u mhux għaliex din kienet fil-but tal-imputat, kif jallega hu. Il-Qorti tqis illi li kieku l-pulizija sabu biss qartas vojt bi traċċi ta' sustanza suspettata droga fuq *flushing* ta' *toilet* li dak il-ħin kien qed jagħmel użu minnu l-imputat, waqt *party,* allura kien ikun mod ieħor, iżda dan ma kienx il-każ. In-ness bejn l-imputat u l-qartas in kwistjoni ma jirriżultax sempliċiment mis-sejbien tal-qartas bi traċċi tad-droga fuq il-*flushing* tat-*toilet*, iżda bil-fatt illi fuq l-istess *flushing* kien hemm ukoll il-*credit card* b'isem l-imputat li fuqha wkoll instabu traċċi tad-droga. Fit-tieni lok, in oltre illi l-*credit card* ma nstabitx fil-but tal-imputat, kif isostni hu, iżda fuq il-*flushing,* issib konferma fix-xhieda ta' PC 760 Christopher Saliba li jgħid illi fuq il-persuna tal-imputat "*ma nstab xejn*". Terġa' u tgħid il-Qorti lanqas ma tara raġuni għaliex li kieku verament il-*credit card* kienet fil-but tal-imputat, il-pulizija kellhom jaqbduha u jpoġġuha mal-qartas li kien fih traċċi tad-droga. Għalkemm PC 760 ma xehedx dwar il-mod li bih ġew elevati l-oġġetti in kwistjoni u lanqas ma saritlu xi mistoqsija mid-difiża dwar dan, mix-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut imbagħad jirriżulta proprju illi l-*credit card* u l-qartas kienu separati u li għalhekk ma kienx hemm kontaminazzjoni bejniethom. Il-Qorti m'għandha assolutament l-ebda raġuni għalfejn taħseb li dan ma kienx il-każ meta l-oġġetti ġew elevati *a tempo vergine* u dan iżjed u iżjed meta l-Qorti diġa` kkonstatat illi l-verżjoni tal-imputat fir-rigward tal-post fejn instabet il-*card* mhijiex kredibbli u fit-tieni lok, meta tqis ukoll illi l-imputat ma qal xejn minn dan kollu fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija. Il-Qorti tqis fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula illi għandha tistrieħ fuq il-verżjoni li provda PC 760 u mhux dik li provda l-imputat odjern. La darba mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-*card* tal-bank tal-imputat kellha fuqha traċċi ta' droga kokaina u nstabet fuq *flushing* tat-*toilet* ħdejn qartas li wkoll kien fih traċċi tal-kokaina, ġewwa *toilet cubicle* li fih kien hemm l-imputat odjern, il-Qorti tqis illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi fil-lejl in kwistjoni l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina.

[10] A fol. 47 tal-proċess.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Għal fini ta' pieni, il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern, mil-liema jirriżulta li l-imputat xellef difrejgħ mal-ġustizzja numru ta' drabi u li dawn il-każijiet kienu kważi kollha dwar reati konnessi mad-droga. Qieset ukoll il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat, imsemmija iżjed 'il fuq, kif ukoll illi fid-dawl tal-fatt illi nstabu biss traċċi ta' kokaina, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-penali ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija, tnejn u disgħin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€192.34), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahrejn mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u tal-*credit card* esebiti fl-atti bħala Dok. NS 2, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat